MALTA

# QORTI KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru 740/2003

**Pulizija**

**Spettur Bernard Zarb**

**VS**
**Floyd Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Floyd Attard ta' 19 il-sena, bin Carmelo u Anne nee Zammit, imwieled Pieta fl-10 ta' Awwissu 1984 u residenti, 113 Triq il-Ponta Isla, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 400284-M

Talli fid-29 ta' Lulju 2003, u fit-30 ta' Lulju 2003, fl-Isla, fil-Fgura u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekk numru 3298 tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Rayair Automation Ltd, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe cekk numru 3298 tal-Bank of Valletta fuq l-akkont Rayair Automation Ltd, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamilt uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh b’qerq bi hsara ta’ Go Mobisle Co Ltd, Rayair Automation Ltd, Bank of Valletta u diversi persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li tkun indahal biex tmexxiehom jew tbieghhom bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U talli fl-istess cirkostanzi:

6. ikkommetta serq ta’ cekk book mahrug mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Rayair Automation Ltd

7. iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe Licenzja tas-Sewqan ta’ Pierre Parnis (ID No 290476M), u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca dokument falz, meta kien jaf li dan huwa falz, jew iffalsifika karta ta’ l-identita jew xi dokument tiehor, u cioe Licenzja tas-Sewqan ta’ Pierre Parnis (ID No 290476M) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 14 tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Ukoll talli sar ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Magistrati fid-data: 02 ta’ Dicembru 2002.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikunil-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-avukat generali biex il-procedura tkun sommarja, il-kunsens tal-imputat moghti fit-3 ta’ Settembru 2003, l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kollha kontrih, is-separazzjoni tal-gudizzju maghmula fil-process ‘Il-Pulizija vs Jon Lawrence Formosa u Floyd Attard’ fit-30 ta’ Jannar 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Il-Qorti wara l-ammissjoni ta’ l-imputat issib li l-imputazzjonijiet kien pruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 49 u 50, 183, 184, 167, 169, 284, 308, 309, 310, 334 tal-Kap 9 u l-artikolu 14 tal-Kap 258 issib lill-imputat hati.

Dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-bidla li ghamel bl-ghajnuna ta' membri tal-familja kif ukoll ta' ghaqdiet ohra, u fl-istqarrija lill-pulizija huwa stqarr li kien lest li jrodd il-parti 'tieghu' tal-flus li sofrew il-Go Mobile.

Ghal hekk din il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erbgha (4) snin.

Il-Qorti fehmet lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem semplici.

Minhabba li l-Qorti ma hatritx espert, it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 mhux qed tintlaqa.

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------